C/2024/1915

1.3.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11217 — PETRONORD / PETROCARGO / HEMPELMANN WITTEMÖLLER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1915)

1. Fit-22 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Petronord GmbH & Co. KG (iktar 'il quddiem "Petronord"), ikkontrollata indirettament minn Marquard & Bahls AG (it-tnejn li huma mill-Ġermanja),

— Petrocargo Mineralöllogistik GmbH ("Petrocargo", il-Ġermanja),

— Hempelmann Wittemöller GmbH ("Hempelmann Wittemöller", il-Ġermanja).

Petronord se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Petrocargo u Hempelmann Wittemöller. L-akkwiżizzjoni maħsuba tikkostitwixxi fużjoni permezz ta' tranżizzjoni minn kontroll konġunt għal kontroll esklużiv, kif definit skont l-Artikoli 3(1) (b) u (2)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— L-attivitajiet ta' Petronord jiffukaw fuq in-negozju tal-konsumatur aħħari bi prodotti tal-enerġija bħall-fjuwils, iż-żejt għat-tisħin, il-gass naturali, u l-elettriku prinċipalment fil-Ġermanja iżda wkoll fi Stati Membri oħra tal-UE u globalment.

— Petrocargo tipprovdi servizzi ta' trasport għall-fjuwils, AdBlue®, u żejt għat-tisħin fil-Ġermanja, kważi esklużivament għal kumpaniji li huma kkontrollati indirettament minn Petronord.

— Hempelmann Wittemöller hija attiva fis-settur tal-bejgħ bl-imnut għaż-żejt għat-tisħin, l-injam għan-nar, il-pelits tal-injam, il-fjuwils, il-LNG, u l-AdBlue® kif ukoll fil-bejgħ bl-ingrossa tal-fjuwils u l-AdBlue® prinċipalment fil-Ġermanja iżda wkoll fi Stati Membri oħra tal-UE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2], jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11217 — PETRONORD / PETROCARGO / HEMPELMANN WITTEMÖLLER

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË